MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2009

Numru. 763/2009

Il-Pulizija
(Sp Trevor Micallef)
vs
Fabian Debono, iben Daniel, imwieled Pieta' fl-20 ta' Jannar, 1988

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, fit-2 ta' Lulju, 2009 għal ħabta tas-1.00 a.m. fi Triq San Ġorġ, kantuniera ma Triq Dragunara, San Ġiljan u/jew fil-viċinanżi, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew jqiegħed il-ħajja fil-perikolu ċar, ikkaġuna feriti ta' natura gravi fil-ġisem ta' Oreste Angelo Modestini Langione.
Il-Qorti ġiet mitluba, li minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita' mill-liġi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurta' ta' Oreste Angelo Modestini Langione jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena

applikabbli għar-reat, torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu nniffsu taħt penali ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Novembru, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 214 u 216 tal-Kodiċi Kriminali.  Rat il-fedina penali netta u l-ammissjoni bikrija.  Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett xhur mil-lum.  Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------